# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 13 ta' Jannar 2025**

**Rikors numru 2138/2024**

**35º 14º Capital SCC plc (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros**
**vs.**
**Sovereign Hotels Limited (10538) u Ronald Azzopardi (KI 0700661M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **35º 14º Capital SCC plc (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros** datat 23 ta' Diċembru 2024;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' dakinhar stess fejn ordnat notifika immedjata tal-imsemmi rikors lil **Sovereign Hotels Limited (10538) u Ronald Azzopardi (KI 0700661M)** li ġew mogħtija għaxart ijiem żmien biex jippreżentaw risposta filwaqt li wara li l-art. 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet provviżorjament it-talba u appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-8 ta' Jannar 2025 tissejjaħ fis-13:45;

Rat ir-risposta tal-intimati tas-27 ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mitlub ai sensi tal-art 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-

persuna li tkun qed titlob il-ħruġ tal-istess mandat, bl-għan aħħari jkun dak li jiġu mħarsa b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-determinazzjoni tal-vertenza ġudizzjarja mresqa minnu.

2. Biex ikun jista' jinħareġ dan il-mandat taħt l-art 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurisprudenza teħtieġ lir-rikorrent juri li jkollu:
(a) *fumus boni iuris*, kif ukoll il-
(b) *periculum in mora*.

3. Għalhekk jeħtieġ lir-rikorrent juri:

(a) (i) Li l-intimat ikun qiegħed iwettaq, jew sejjer iwettaq, att li jkun ta' **preġudizzju** għar-rikorrent u
(a) (ii) li jkun hemm **il-ħtieġa** li l-intimat jiġi mwaqqaf milli jwettaq dak l-att preġudizzjevoli bis-saħħa ta' dan il-mandat.

(a)(i) Dwar l-element tal-**preġudizzju** għar-rikorrent, il-ġurisprudenza saħqet li dan il-preġudizzju jrid ikun:

- **Materjali**: biex b'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà li l-att tal-intimat jista' jġib fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat; u
- **Reali**: biex b'hekk s-sempliċi telf pekunjarju rifless f'telf ta' flus jew qliegħ ma jitqiesx preġudizzju serju tali li fuqu għandu jinħareġ dan il-mandat anke peress li għal dak il-fini il-preġudizzju jista' jitħares bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji oħra.[1]

(a)(ii) Dwar il-kriterju tal-**ħtieġa** li jinħareġ dan il-mandat, il-ġurisprudenza insistiet li din tissussisti meta jiġi muri li r-rikorrent ikun konfrontat bil-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jedd reklamat fil-każ

- li l-intimat ma jiġix imwaqqaf milli jwettaq l-att preġudizzjevoli jew
- f'każ li jkun hemm dewmien fil-ħruġ ta' dak il-mandat.

[1] Ara **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Mejju 2014 fejn ingħad:

> Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.

Dan allura jfisser li r-rikorrent ikun irid juri li sabiex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent irid ikun il-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni li joffri dan ir-rimedju. F'dan is-sens allura din il-ħtieġa tkun tistrieħ fuq il-kunċett tal-***periculum in mora.*** B'hekk jekk l-intimat ma jiġix inibit milli jwettaq l-att preġudizzjevoli tempestivament, in-nuqqas ta' ħruġ tal-mandat per se jikkawża ħsara lir-rikorrent b'mod li ma jkollox alternattiva għaliha fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva għaliha tkun sproporzjonata.[2]

(b) Li għandu l-***<u>fumus boni iuris</u>:*** ossija li l-jedd pretiż minnu jkun oġġettivament u fil-każ konkret, **<u>mal-ewwel daqqa t'għajn</u>**, verament jeżisti favur tiegħu.

Ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u ta' dritt reklamati minnu fir-rikors sal-grad ***prima faciae***. Dan huwa rekwiżit oġġettiv (u mhux soġġettiv) u ma jiddipendix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Għall-finijiet tal-ħruġ ta' dan il-mandat, il-jeddijiet reklamati jridu jkunu jidhru mal-ewwel daqqa t'għajn; altrimenti jitqiesu li ma jkunu jidhru xejn.[3]

4. Inoltre, il-mandat t'inibizzjoni jista' jiġi maħruġ:

    (a) **<u>fil-forma ġenerika</u>** : dik prevista mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal ma huwa qiegħed jiġi tentat li jinħareġ f'dan il-każ; jew
    (b) **<u>fil-forma speċifika</u>**: bħal dawk previsti mill-artikoli 874, 876 u 877 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jippreskrivu mandati ta' inibizzjoni partikolari imfasslin għal xenarji legali speċifiċi preskritti mill-Liġi, u kif riflessi fil-formuli abbinati appożitament fl-Iskeda B mal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Il-Qorti li tanlizza din it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti adita bil-kawża fil-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet billi tistħarreġ dettaljatament l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi din it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni biss b'mod sommarju wara li tagħti ħarsa mal-ewwel daqqa t'għajn lejn dak li jgħidu l-partijiet fiż-żmien statutorju qasir stabbilit mill-Liġi.

---

[2] Ara wkoll **John Vella et vs. GGD Properties Limited et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Lulju 2007.
[3] Ara wkoll **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré,** Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju, 1988.

6. L-eżitu tar-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni ma għandu ebda effett fuq l-eżitu tal-kawża fil-meritu bejn il-kontendenti. Għalhekk jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tiġi milqugħa ma jfissirx li r-rikorrent ikollu raġun fil-meritu; daqskemm jekk mill-banda l-oħra t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tiġi miċħuda ma jfissirx li r-rikorrent ma jkollux raġun fil-meritu tal-kawża. It-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tista' tiġi miċħuda, imma fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ il-kawża. It-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tista' tiġi miċħuda, iżda fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ il-kawża fil-meritu. Kollox ikun jiddependi mill-fattispecie partikolari tal-każ.

7. Biss sabiex talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni tiġi milqugħa u jinħareġ dan il-mandat, ir-rikorrent irid ikun f'qagħda juri li r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi għall-ħruġ ta' dan il-mandat ikunu jeżistu fil-każ li huwa jressaq. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.[4]

8. Bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, il-mandat t'inibizzjoni irid jiġi mitlub mir-rikorrent fuq bażi *bona fide*. Dan il-mandat ma jistax jiġi użat bħala strument ta' theddid jew rikatt tal-intimat. Il-ġurisprudenza ma tridx li dan ikun mezz ta' tgħawwiġ tal-idejn tal-intimat jew mezz li bih l-intimat jiġi mċaħħad mit-tgawdija ta' ħwejġu jew il-jeddijiet tiegħu.[5] Bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, il-mandat t'inibizzjoni huwa miżura restrittiva u koerċittiva li żżomm lill-intimat mill-eżerċizzju tat-tgawdija sħiħa tal-ħwejjeġ jew tal-jeddijiet pretiżi minnu. Iżda minkejja dan, fejn jiġu soddisfatti r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni biex jiġu mħarsa proviżorjament il-jeddijiet tar-rikorrent, allura tali mandat ikun jista' jiġi trankwillament maħruġ mill-Qorti kompetenti.

9. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja u t'interpretazzjoni stretta. B'hekk huwa wkoll meqjus li l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni huwa l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

10. F'dan il-każ jirriżulta li l-partijiet jaqblu li:

---

[4] Ara wkoll **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré,** Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju, 1988.
[5] Ara **Josephine Sammut vs. Emanuel Sammut pro et** dekretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju, 2003.

(a) l-intimat Ronald Azzopardi (RA) huwa l-azzjonist minoritarju taż-żewġt kumpaniji Sovereign Hotels Limited (SHL) u Crown Hotels Limited (CHL) fil-kwota ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%);

(b) huwa direttur taż-żewġt kumpaniji;

(c) l-ante-causa tas-soċjeta rikorrenti kienet ġiet kanonizzata kreditriċi inter alia ta' RA u CHL b'sentenza tal-Qorti li l-eżekuzzjoni tagħha qegħda tiġi mitluba fi proċeduri ċivili separati;

(d) SHL ma kienetx parti minn dawk il-proċeduri ġudizzjarji; li dik is-sentenza ma tifformax stat kontra SHL; kif ukoll li SHL ma kellhiex relazzjoni ġuridika diretta mas-soċjeta rikorrenti jew li kienet b'xi mod debitriċi tagħha;

(e) RA kien ġie dikjarat fallut b'sentenza tal-Qorti u li kien ukoll ġie maħtur *bankruptcy trustee* fis-sensi tal-art 488 u 486 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta;

(f) hemm ukoll pendenti proċeduri ta' bejgħ ġudizzjarju li jolqtu lill-lukanda li l-bejgħ tagħha qiegħed jiġi wkoll tentat li jiġi mwaqqaf bis-saħħa ta' dan ir-rikors;

(g) l-azzjonist maġġoritarju fiż-żewġt kumpaniji ma ġiex imħarrek jew inkluż fl-atti ta' dan ir-rikors;

(h) hemm negozjati għaddejjin ma terzi persuni marbuta mal-bejgħ potenzjali tal-lukanda de quo.

11. L-argument prinċipali li fuqu s-soċjeta rikorrenti ssejjes it-talba tagħha huwa li dawn in-negozjati għall-bejgħ tal-lukanda de quo kienu qegħdin isiru minn wara darha u bi preġudizzju għall-jeddijiet kreditizji tagħha in kwantu kellha informazzjoni li l-intimati kienu qegħdin jikkunsidraw li jbiegħu din il-lukanda bi prezz ferm iżjed baxx minn dak fis-suq miftuh; u żgur anqas mill-istima li saret għal din il-lukanda magħmula fl-atti tal-proċeduri tal-bejgħ ġudizzjarju numru 18/2022 mill-perit arkitett Lino Micallef fl-ammont ta' €13.8 miljuni. Hija tgħid li dan qiegħed isir illegalment u b'mod frawdolenti in kwantu jekk dan il-ftehim jintlaħaq, jiġu preferuti ċerti kredituri oħra b'detriment għall-kreditu privileġjat tas-soċjeta rikorrenti.

12. Kif sewwa jgħid l-abbli difensur tas-soċjeta rikorrenti, il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jistrieħ fuq il-konferma bil-ġurament

magħmula mir-rikorrent, u li allura jinħareġ fuq ir-responsabilita tiegħu. Iżda dan ma jxejjinx il-fatt li f'każ ta' talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, ir-rikorrent irid xorta waħda juri fuq bażi *prima faciae* l-eżistenza tad-dritt pretiż minnu, nonche l-presupposti l-oħra kollha għall-ħruġ ta' dan il-mandat. Dan japplika bl-istess rigur ukoll f'każijiet ta' natura kumplessa, jew fejn il-Qorti tkun teħtieġ tapplika regoli jew miżuri partikolari, jekk mhux ukoll eċċezzjonali, fil-każ li jkollha quddiemha.

13. F'dan il-każ, il-pern tat-talba tas-soċjeta rikorrenti jistrieħ fuq l-informazzjoni li s-soċjeta rikorrenti tinsisti li għandha dwar negozjati intrapriżi mill-intimati biex il-lukanda tinbiegħ bir-ribass. Apparti din id-dikjarazzjoni konfermata bil-ġurament mir-rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti, ma hemm ebda element ta' prova oħra dwar dak mistqarr jew dettalji speċifiċi li jsostnu t-teżi li l-allegati negozjati kondotti mill-intimati kellhom għan truffaldin. Ma tresqet ebda evidenza bażika oħra ta' xi dettalji iżjed speċifiċi minn hekk quddiem din il-Qorti.

14. Verament li f'talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni il-proċedura ċivili ma teħtieġx lir-rikorrent li jressaq xi provi sodi fuq dak li jkun qiegħed isawwar il-ġurament tiegħu. Iżda f'każ fejn it-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun bażata fuq allegazzjoni serja ta' frode, ikun jispetta lir-rikorrent li jissostanzja dik l-informazzjoni li huwa jsostni li jkollu b'iżjed dettalji speċifiċi. F'dawn it-tip ta' każijiet, jeħtieġ element ta' prova oltre dak dikjarat mir-rikorrent bil-ġurament tiegħu, dato l-gravita tal-allegazzjoni li tkun qegħda ssir – għalkemm is-suffiċjenza probatorja xorta waħda tibqa' fir-relm tal-grad *prima facie.*

15. Dan aktar u aktar peress li f'dan il-każ, ir-rimedju mitlub mill-Qorti qiegħed isir f'kuntest fejn hemm qbil li ma hemmx rabta diretta bejn is-soċjeta kreditriċi rikorrenti u s-soċjeta proprjetarja tal-fond li l-istess soċjeta rikorrenti qegħda tittenta li twaqqafha milli tbiegħ jew tiddisponi minnha b'kull mod.

16. Veru li dawn il-Qrati jistgħu joħorġu mandati t'inibizzjoni f'każijiet ta' frodi potenzjali jew fejn ikun hemm riskju ta' dissipazzjoni tal-assi li jistgħu jaffettwaw l-interessi tal-kredituri. Iżda dan jista' jsir fejn u meta r-rikorrent ikun evidenzja, almenu sal-grad *prima faciae,* l-pretensjoni tiegħu lil dik il-Qorti.

17. Il-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ dan il-grad intlaħaq. Fost ir-raġunijiet għaliex din il-Qorti ttenni din il-posizzjoni hemm:

(a) Li SHL m'għandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew ġuridika diretta mas-soċjeta rikorrenti.

(b) Li bejn l-azzjonisti u s-soċjeta SHL hemm japplika l-prinċipju tal-personalita ġuridika separata u distina.

(c) L-istat ta' falliment ta' RA li ma ġiex kontestat u li jfisser li l-assi tiegħu issa huma kkontrollati minn *bankruptcy trustee,* li pero ma jirriżultax li ġie involut f'dawn il-proċeduri.

(d) Li s-soċjeta rikorrenti diġà għandha forma ta' sigurtà oħra kontra RA in segwitu għall-ħruġ tal-mandat ta' qbid fuq l-ishma ta' RA fis-soċjetajiet SHL u CHL.

(e) Kif ukoll li l-azzjonist maġġoritarju (fil-kwota ta' 75% tal-ishma) ta' SHL ma kienx involut fid-dejn lejn is-soċjeta rikorrenti u l-anqas ġie involut fil-meritu tal-proċeduri ġudizzjarji korrenti.

18. Għalkemm id-difensur tas-soċjeta rikorrenti għaraf is-siwi tal-prinċipju tal-personalità ġuridika separata u distinta operanti bejn kumpanija u l-azzjonisti tagħha, huwa saħaq li f'dan il-każ il-fatt li kienu għaddejjin negozjati frawdolenti immexxija mid-direttur uniku taż-żewġt soċjetajiet SHL u CHL, kellu jippermetti lil din il-Qorti tinfed il-velu korporattiv li jifred l-azzjonisti mill-kumpanija, biex allura l-Qorti tkun tista' ddur direttament fuq l-azzjonist – anke jekk minoritarju - u żżomm lilu responsabbli għal dak l-għemil in kwantu huwa, ġaladarba direttur uniku, kien dak li jikkontrolla l-operat tal-kumpanija.

19. Iżda dan l-argument tas-soċjeta rikorrenti ried jiġi mwieżen mal-aspetti l-oħra li jitnisslu minnu, ossija li:

(a) SHL hija entità legali separata u distinta minn RA. Il-prinċipju tal-personalità ġuridika separata u distinta bejn kumpanija u l-azzjonisti tagħha huwa kunċett fundamentali fil-liġi tal-kumpaniji. Il-Qorti ma tkunx propensa twarrab dan il-prinċipju jekk mhux għal raġunijiet serji, bażati fuq elementi probatorji sodi li jkunu ġew murija ċar, anke jekk f'din l-istanza, sal-livell *prima faciae*;

(b) Is-soċjeta SHL m'għandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew ġuridika mas-soċjeta rikorrenti;

(c) L-azzjonisti maġġoritarji m'għandhom l-ebda konnessjoni mat-talba tas-soċjeta rikorrenti;

(d) Salv fejn ikunu ġew pruvati fatti li jimmilitaw kontra, kumpanija m'għandhiex tkun ristretta milli twettaq operazzjonijiet kummerċjali li jkunu fid-deher tagħhom kondotti leġittimament;

(e) Negozjati bejn partijiet huma preżunti li jkunu qegħdin jiġu mwetqa *in buona fede*; ikun jispetta lil min ikun qiegħed jikkontesta din il-*buona fede* li juri kif u għaliex ikun qiegħed jikkontesta dik il-*buona fede*. F'dan il-każ din il-prova li n-negozjati bejn l-intimati u terzi ma kienux kondotti *in buona fede* hija nieqsa in kwantu ma ġiet mistqarra ebda raġuni speċifika li tavalla t-teżi tas-soċjeta rikorrenti li dawk in-negozjati kienu truffaldini għall-interessi tagħha.

(f) Bħala regola, il-prinċipju tal-personalita ġuridika distinta żżomm lura lil Qorti milli tkun tista' ddur fuq l-assi ta' SHL abbażi għall-kreditu reklamat mis-soċjeta rikorrenti – anke jekk dak il-kreditu jkun ġie preċedentement ġudizjalment konfermat u kanonizzat - kontra l-azzjonist RA personalment.

20. Hemm qbil li RA għandu status ta' direttur/azzjonist fiż-żewġ kumpaniji CHL u SHL. Dan il-fatt jirrendi din l-analiżi iżjed kumplessa in kwantu bħala direttur huwa preżunt li għandu setgħat deċiżjonali fiż-żewġt soċjetajiet. Iżda dan il-fatt rilevanti jrid ukoll jiġi konfrontat ma' fatturi oħra, fosthom li:

(a) Hemm qbil bejn il-partijiet li l-istatus azzjonarju ta' RA fiż-żewġt kumpaniji huwa dak ta' 25% tal-ishma rispettivi. Ma ġiet prodotta ebda prova *prima faciae* li turi li dawk l-ishma kellhom xi forma ta' interess ta' kontroll għola mill-valur minoritarju tagħhom jew li għandhom interessi, jeddijiet jew setgħat deċiżjonali superjuri;

(b) Għalkemm mistqarr li RA huwa direttur taż-żewġt kumpaniji, ma ġiex muri li huwa kellu xi forma ta' kontroll deċiżjonali assolut fl-operat taż-żewġt kumpaniji u li jiżboq dawk is-setgħat tal-azzjonist maġġoritarju;

(c) Il-fatt li kien hemm qbil li RA kien suġġett għal deċiżjoni ta' falliment u ġie maħtur *bankruptcy trustee*, ifisser li l-assi tiegħu personali kienu kontrollati u probabbilment li s-setgħat tiegħu ta' direttur setgħu anke kienu ristretti;

(d) Apparti minn hekk, riedu wkoll jittieħdu in kunsiderazzjoni l-interessi tal-azzjonist maġġoritarju – hu min hu – għax fin-nuqqas ta' prova oħra kontra, min ikollu l-maġġoranza tal-ishma tipikament ikollu vuċi fid-deċiżjonijiet li jolqtu l-operat u trasferimenti ta' assi ta' valur sostanzjali tal-kumpanija li fiha huwa jkollu l-akbar sehem.

(e) Inoltre, minn dak mistqarr f'din il-proċedura, għalkemm RA huwa direttur taż-żewġt soċjetajiet SHL u CHL, jibqa' biss azzjonista minoritarju u b'hekk kemm ir-rwol tiegħu jista' jkun deċiżiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet soċjetarji ma ġiex pruvat soddisfaċentement.

21. Is-soċjeta rikorrenti tressaq ukoll l-argument interessanti li fl-aħħar mill-aħħar RA, anke jekk azzjonist minoritarju f'SHL, xorta waħda huwa azzjonist u allura l-azzjonijiet tiegħu f'din il-kumpanija kellhom valur li, fil-każ ta' bejgħ tal-lukanda bir-ribass dan kien jammonta għal dissipazzjoni tal-ass prinċipali tal-istess kumpanija, li jkollu rikaduta negattiva fuq il-valur ta' dawk l-ishma u allura fuq il-ġaranzija patrimonjali li RA kien mistenni joffri lis-soċjeta rikorrenti bħala kreditur privileġjat tagħha.

22. Dan l-argument ukoll jaffaċċja sfida sinjifikanti in kwantu:

(a) Kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-ishma ta' RA fis-soċjetajiet CHL u SHL kienu diġà soġġetti għal mandat ta' qbid maħruġ ad istanza tas-soċjeta rikorrenti. B'hekk f'dak li jirrigwarda l-kreditu kontra RA personalment, is-soċjeta rikorrenti diġa ingħatat forma ta' sigurta diretta u personali fuq proprjeta appartenenti lilu;

(b) L-istat tal-falliment ta' RA jġib miegħu il-konsegwenza wkoll li issa l-assi tiegħu huma kkontrollati mill-*bankruptcy trustee*;

(c) Anke jekk xorta jibqa' azzjonista minoritarju ta' SHL, il-lukanda tappartjeni lil SHL, mhux lil RA personalment.

(d) Id-drittijiet tal-azzjonista maġġoritarju – hu min hu - għandhom ikunu protetti.

23. Apparti minn dan, is-soċjeta rikorrenti tteni li jekk il-mandat ta' inibizzjoni ma jiġix maħruġ, hija sejra ssofri preġudizzju għall-interessi tagħha. L-abbli difensur tar-rikorrenti għaraf li għalkemm dal-kunċett ta' preġudizzju ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala li jrid ikun wieħed "irrimedjabbli", huwa sostna li fil-ħajja, apparti l-mewt, ma kien hemm xejn li setgħa kien mingħajr rimedju. F'dan is-sens allura stieden lil din il-Qorti tifhem li l-preġudizzju tas-soċjeta rikorrenti f'dan il-każ kellu jkun imħares minn din l-ottika.

24. Din il-Qorti tifhem l-argument tas-soċjeta rikorrenti li f'din l-eżistenza, is-sitwazzjonijiet irrimedjabbli huma ftit. Iżda l-ġurisprudenza xorta waħda teħtieġ li l-preġudizzju soffert irid ikun wieħed serju u li diffiċilment jista' jkun hemm rimedju ieħor għalbiex jiġi evitat jekk mhux bil-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni. Meta wieħed iqis il-bażi tal-argument tas-soċjeta rikorrenti, il-kwistjoni tagħha tibqa' l-biża li l-interessi finanzjarji u kreditizji tagħha jiġu elużi u konsegwentement ippreġudikati minħabba n-negozjati, skontha truffaldini, li kienu qegħdin jiġu kondotti mill-intimati ma terzi persuni bil-għan li jiġu aġevolati u preferuti ċerti kredituri oħra.

25. Essenzjalment, din il-biża tas-soċjeta rikorrenti tittraduċi ruħha f'waħda ta' biża ta' ħsara finanzjarja. F'dan ir-rigward hemm allura kunsiderazzjonijiet oħra li jsiru, fosthom:

(a) Kif diġa ġie ċitat fid-digriet fil-proċedura **Barbara utrinque** tat-13 ta' Mejju 2014 din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-fehma li mandat t'inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi. F'dan is-sens is-soċjeta rikorrenti diġa kellha forma ta' sigurta favur tagħha permezz tal-mandat ta' qbid tal-ishma.

(b) Apparti minn hekk dan ir-rikors qiegħed isir taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt xi disposizzjoni oħra tal-Liġi.

(c) Għalkemm il-biża tas-soċjeta rikorrenti titnissel mill-informazzjoni li hija tgħid li għandha, f'dawn il-proċeduri ma

ġiex muri x'kien l-involviment, jekk kien hemm, tal-azzjonist maġġoritarju tas-soċjeta intimata, in kwantu wieħed jifhem li biex dak li l-kumpanija rikorrenti kienet qegħda tibża' li jseħħ l-event dannuż għaliha – il-bejgħ tal-lukanda de quo bir-ribass minn wara daharha, dan ried bilfors b'xi mod li jkollu l-adeżjoni tar-rappreżentant tal-azzjonisti maġġoritarji;

(d) Kien hemm ukoll xi kreditur ieħor li kien qiegħed ifittex il-bejgħ ġudizzjarju tal-lukanda de quo fuq kreditu separat. Dan jindika li s-soċjeta rikorrenti setgħa jkollha wkoll rimedji oħrajn disponibbli għaliha li bihom tkun tista' taffronta l-allegat preġudizzju li tgħid li tista' ssofri. L-abbli difensur tas-soċjeta rikorrenti stqarr b'lejalta li kien jagħraf b'dan u li għalhekk setgħa jidher li fl-aħħar mill-aħħar għal dak il-potenzjali preġudizzju setgħa wkoll ikun hemm rimedji ġudizzjarji oħra, għalkemm iżjed dispendjużi f'termini temporali u ekonomiċi. Fatto sta, li rimedji oħra kien hemm, għakemm forsi mhux l-aħjar. Iżda l-ġurisprudenza ma teħtieġx ir-rimedju ottimu, iżda l-prova tal-preġudizzju "irrimedjabbli" skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Ladarba deher li kien hemm rimedji oħra, il-preġudizzju ma kienx bla rimedju.

(e) Li l-fatt jibqa' li l-interess tas-soċjeta rikorrenti fir-rigward tal-proprjeta ta' SHL ma kienx wieħed dirett, iżda wieħed indirett: rifless fl-ishma minoritarji ta' RA u r-rwol tiegħu f'dik is-soċjeta. Altrimenti ma kienx hemm rabta diretta bejn il-kreditu tas-soċjeta rikorrenti u s-soċjeta intimata SHL.

## Konklużjoni

**Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet premessi, filwaqt li tilqa' l-argumenti tal-intimati tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament billi tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni filwaqt li tħassar l-effetti tad-digriet tagħha tat-23 ta' Diċembru 2024 fejn laqgħet proviżorjament it-talba.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Tordna notifika ta' dan id-digriet lil partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**